



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7258/23

FIN 300
RECH 81
CMPT 8
COH 27

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6558/23	FIN 230 RECH 50 CMPT 7 COH 22
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej - il-potenzjal kollu tagħhom għadu ma ntużax" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (approvati fis-07/03/2023)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem "Sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej - il-potenzjal kollu tagħhom għadu ma ntużax", approvati mill-Kunsill fit-3935 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Marzu 2023.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej - il-potenzjal kollu tagħhom għadu ma ntużax"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- Il-kontribut ta' Orizzont 2020 għall-miżuri li għandhom l-għan li jxejnu d-distakk fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) fl-Unjoni billi jippromwovi sinerġiji mal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE);
- ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni¹, li jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-koordinazzjoni, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn l-FSIE u Orizzont 2020;
- il-Konklużjonijiet tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2017 "Mill-evalwazzjoni interim tal-Orizzont 2020 lejn id-disa' Programm Qafas"², li jenfasizzaw l-importanza ta' sinerġiji u komplementarjetajiet imtejba bejn il-Programm Qafas u strumenti oħra ta' finanzjament tal-UE;
- il-Konklużjonijiet tiegħu dwar ir-Rapport Speċjali 15/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), adottati fit-13 ta' Ottubru 2022³, li enfassizzaw l-importanza tas-sinerġiji bejn il-programmi tal-Unjoni u l-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali,

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159–706.

² 15320/17.

³ 13426/22.

1. JILQA' r-Rapport Speċjali 23/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Sinerġiji bejn Orizzont 2020 u Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej - il-potenzjal kollu tagħhom għadu ma ntużax"⁴ li jikkomplementa r-Rapport Speċjali Nru 15/2022 tal-QEA dwar il-miżuri biex titwessa' l-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020; JIEĦU NOTA tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għar-Rapport Speċjali 23/2022⁵; JAGĦRAF l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni b'reazzjoni għan-nuqqasijiet fir-regoli u r-regolamenti, billi pproponiet diversi aġġustamenti biex tallinjahom fir-regolamenti rilevanti għall-perjodu 2021-2027; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tkompli l-ħidma tagħha fuq aktar simplifikazzjoni u allinjament fl-implimentazzjoni bejn il-programmi qafas tal-R&I u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni (is-suċċessur tal-FSIE) sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal għal sinerġiji; u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem biex tiżgura aktar ċarezza legali għall-korpi ta' implimentazzjoni fil-kuntest ta' sinerġiji futuri;
2. JILQA' r-rakkomandazzjoni biex tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-korpi involuti fil-ġestjoni tal-FSIE u l-programmi qafas tal-R&I, b'mod partikolari bejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni rilevanti, il-korpi intermedji li jimplimentaw il-programmi taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), u l-aġenziji pubbliċi ta' finanzjament nazzjonali u reġjonali; u JILQA' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi djalogu strutturat regolari, inkluż permezz tas-sottogrupp tal-Forum taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) dwar it-titjib tal-aċċess madwar l-UE kollha għall-eċċellenza (Azzjoni 16 taż-ŻER), li jlaqqa' flimkien il-korpi rilevanti mill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati fil-livell tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika (fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari l-FEŻR, u Orizzont Ewropa), filwaqt li taħdem mal-Istati Membri biex titrawwem tali kooperazzjoni fil-livell nazzjonali/reġjonali;

⁴ ĠU C 442, 22.11.2022, p. 2. Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat fuq is-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri <https://www.eca.europa.eu/mt/Pages/DocItem.aspx?did=62446>.

⁵ https://www.eca.europa.eu/Lists/ECARepplies/COM-Replies-SR-22-23/COM-Replies-SR-22-23_MT.pdf.

3. JISĦAQ fuq il-ħtieġa għad-disponibbiltà ta' data dwar il-proġetti u l-benefiċjarji biex jitravmu sinerġiji; JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni biex ittejjeb din id-disponibbiltà; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jiġbru u jikkondividu informazzjoni rilevanti dwar il-benefiċjarji ta' Orizzont Ewropa u l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll eżempji ta' sinerġiji bejn it-tnejn; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiffaċilita l-ħolqien, il-promozzjoni u l-monitoraġġ tas-sinerġiji, billi tkompli tisfrutta l-bażijiet tad-data interoperabbli għall-programm qafas u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni sabiex tippermetti tlaqqiġ aktar faċli bejn il-proġetti u l-benefiċjarji; u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tidentifika u tippromwovi eżempji ta' Prattika tajba u biex tuża l-għodod eżistenti, bħall-għodda tagħha għall-estrazzjoni tat-test CORTEX jew il-"Komunità ta' Prattika tas-Siġill ta' Eċċellenza", filwaqt li testendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din tal-aħħar għall-oqsma u l-għodod potenzjali kollha għal sinerġiji bejn Orizzont Ewropa u l-FEŻR, inkluż l-użu tagħhom fi sħubijiet Ewropej;
4. JILQA' r-rakkomandazzjoni biex jiżdied l-użu ta' sinerġiji downstream filwaqt li jfakkar ukoll fl-importanza ta' sinerġiji upstream; JISSOTTOLINJA li l-użu ta' finanzjament sekwenzjali downstream jista' jikkontribwixxi għat-trasferiment tar-risultati tar-riċerka lill-ekonomija; u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tappoġġa lill-awtoritajiet ta' ġestjoni fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet biex jinħolqu sinerġiji downstream mal-proġetti Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa u biex jiġi promoss l-akkwist pubbliku għall-innovazzjoni abbażi tar-risultati tal-proġetti ta' riċerka;
5. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu sinerġiji fl-ippjanar, l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni strateġiċi, fejn rilevanti, pereżempju fi strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-investimenti fis-settur tal-R&I tal-Ewropa filwaqt li jiġu rispettati l-għanijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tal-istrumenti u l-fondi differenti tal-UE; JENFASIZZA l-ħtieġa għal sinkronizzazzjoni aħjar tal-iskedi ta' żmien tal-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-programmi rilevanti tal-UE; u JISĦAQ fuq l-importanza li jinħolqu u jiġu implimentati sinerġiji bil-ħsieb tal-perspettiva tal-utent, pereżempju fir-rigward ta' regoli konverġenti, perjodi ta' applikazzjoni, sistemi ta' responsabbiltà, proċeduri u t-tnaqqis tal-piż ta' implimentazzjoni tal-fondi u l-istrumenti tal-UE;

6. JILQA' r-rakkomandazzjoni biex jitlejeb il-fluss ta' informazzjoni dwar proġetti li ngħataw is-Siġill ta' Eċċellenza; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tappoġġa l-implimentazzjoni u tagħmel użu usa' mis-Siġill ta' Eċċellenza, biex b'mod regolari u f'waqtu tipprovdi lill-awtoritajiet ta' ġestjoni u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali rilevanti kollha b'data dwar proposti għal proġetti li jkunu rċevew is-Siġill ta' Eċċellenza fl-Istat Membru jew fir-reġjun tagħhom u biex tinkoraġġixxi l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki; JIEĦU NOTA tas-sejba tal-QEA dwar in-nuqqas ta' kategorizzazzjoni komuni (tassonomija) tal-prijoritajiet ta' Orizzont 2020 u tal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, u dwar il-fatt li d-data tal-FSIE rreġistrata mill-awtoritajiet ta' ġestjoni ma kinitx kompletament standardizzata, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tindirizza dawn l-isfidi, fejn xieraq;
7. IQIS li l-insewiment ta' sinerġiji bejn il-fondi, bħall-użu tas-Siġill ta' Eċċellenza, m'għandux jinterferixxi mal-evalwazzjoni tal-proposti taħt Orizzont Ewropa, u għalhekk JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tagħti l-attenzjoni dovuta lill-impatti potenzjali mhux mixtieqa tas-sinerġiji u tiegħu miżuri ta' prekawzjoni jekk ikun meħtieġ;
8. ITENNI, fost l-oħrajn, il-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti fid-Dikjarazzjoni ta' Praga dwar is-Sinerġiji fil-Finanzjament tar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa tat-8 ta' Lulju 2022⁶; IFAKKAR fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar Sinerġiji bejn il-programmi tal-Orizzont Ewropa u tal-FEŻR⁷; u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tuża l-Avviż bħala eżempju potenzjali li għandu jiġi segwit għal fondi oħra u biex tikkomplementah b'eżempji li ġejjin dwar kif is-sinerġiji jitqiegħdu fil-prattika b'mod konkret;

⁶ <https://synergies2022.eu/>

⁷ AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI Sinerġiji bejn il-programmi tal-Orizzont Ewropa u tal-FEŻR, ĠU C 421, 4.11.2022, p. 3.

9. JAGĦRAF li s-sinerġiji huma rilevanti għall-Istati Membri kollha biex iżidu l-kapaċitajiet tagħhom ta' R&I u biex jimplimentaw il-miri ta' politika tal-UE fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tqis ir-rapport speċjali 23/2022 tal-QEA u r-rakkomandazzjonijiet tal-QEA meta timplimenta l-miżuri attwali u tfassal il-miżuri futuri, b'mod partikolari fil-kuntest tal-evalwazzjoni interim ta' Orizzont Ewropa u tat-tħejjija tal-Programm Qafas li jmiss tal-R&I; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni taħdem fuq l-allinjament ulterjuri tar-regoli bejn il-programmi qafas tal-R&I u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni fid-dawl tal-perspettiva finanzjarja li jmiss; JISSUĠĠERIXXI li l-informazzjoni eżistenti dwar, fost l-oħrajn, l-opportunitajiet ta' sinerġija, l-eżempji tajbin, il-linji gwida u l-kondizzjonijiet tal-qafas legali jiġu raggruppati u ppubblikati b'mod xieraq fuq is-sit web tal-Kummissjoni.
-